MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 2/2011/1

**Emanuel Camilleri
v.
Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell tar-rikorrent Emanuel Camilleri minn-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-14 ta' Ottubru 2011 li permezz taghha cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu.

“Il-Qorti:

“Rat ir-rikors li ressaq ir-rikorrenti fil-25 ta’ Jannar 2011, li jaqra hekk:

“Illi hu kellu appell kriminali minn guri li gie deciz finalment mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta’ Frar, 2010, liema setenza kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali.

“Illi dan ir-rikors huwa bazat fuq l-Artiklu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u specifikatament fuq ‘il-fairness’ tal-proceduri. Huwa ma jistax jaccetta li jinstab hati ta’ reat li qatt ma ghamel, u cioe’ li ghamel xi bomba mad-dar u ttenta joqtol lill-Assistant Kummissarju. Hemm ukoll ilment, ghalkemm sussidjarju ghal dak principali tan-nuqqas ta’ reita`, li fuq l-istess fatt (ghalkemm fl-istess guri) huwa gie misjub hati ta’ reati li sostanzjalment huma l-istess, u dan imur kontra l-principju tan-nec bis in idem, bi vjolazzjoni tal-Art. 4(1) tas-Protokoll 7 tal-istess Konvenzjoni.

“Huwa qed jillimita l-ilmenti tieghu fuq l-allegazzjoni tar-reat kontra Michael Cassar, ghax dan iwegghu mhux biss fuq il-kwestjoni tal-habs impost fuqu, imma wkoll minhabba l-kuxxjenza tieghu li ma tistax taccetta li hu jkun hati ta’ reat li qatt ma wettaq.

“Il-fatti fil-qosor. L-esponenti fiz-zmien rilevanti ta’ Mejju, 1994, kien spiss ikun imsiefer. Wara zmien li saret il-bomba, certu Marco Abdilla, illum nieqes b’mewtha naturali, waqt investigazzjoni fost hafna ohrajn kontra tieghu, kien qal li Emanuel Camilleri kien li ghamel il-bomba, li sahansitra kien urieh l-istess bomba. Huwa qatt ma xehed fil-guri ghax kien lahaq miet.

“Quddiem il-qorti tal-kumpilazzjoni, l-ewwel ma riedx jixhed ghalkemm kien ghamel statement bil-gurament dwar li kien xtara d-droga minghand Emanuel Camilleri, u sahansitra dam sitt ijiem arrestat, u wara f’diversi okkazzjonijiet ta’ verzjonijiet konfliggenti, u wara xhur

rega’ gie msejjah mill-prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni u ta verzjoni inkriminanti ghall- esponenti.

“Sakemm sari l-guri lahaq miet, u ghalhekk ma xehedx quddiem il-gurati. Kien allega wkoll li l-esponenti kien sparalu, izda minn din l-akkuza l-esponenti kien gie liberat. Naturalment il-prosekuzzjoni ghamlet uzu mid-disposizzjoni tal-Art. 646 tal-Kap.9, li la kien mejjet setghet jinqraw ix-xiehdiet tieghu u l-istatement. Waqt l-appell xehdet ommu li qalet li meta kienet harget l-ahbar fuq il-mezzi tax-xandir, li Emanuel Camilleri kien tressaq il-Qorti fuq l-akkuza, Marco Abdilla li dak il-hin kien id-dar esklama li ma kienx Emanuel Camilleri li ghamel il-bomba.

“Fis-sentenza tal-appell hemm rezokont tat-tahwid kollu ta’ Marco Abdilla. Minkejja dan intaghzlet verzjoni li biha setghet tinstab il-htija.

“Ir-ragunament tal-Qorti tal-Appell Kriminali, konfirmatorju ta’ dak tal-Qorti Kriminali, juru li ma kienx hemm ”fairness” fil-proceduri “as a whole” ghaliex giet manifestament injorata l-ligi procedurali dwar l-evidenza li hija garanzija principali tal-fairness tat-trial. Ir-ragunament tal-Qorti tal-Appell Kriminali biex ikun forcina tal-verzjoni inkriminanti u biex tispjega l-konflitti manifest tal-verzjonijiet kienu spekulazzjonijiet li ma kienux jirrizultaw mill-atti.

“**Artiklu 6 tal-Konvenzjoni**

“Wiehed mill-principji bazilari tal-process huwa li jkun hemm possibilita` li xhud tal-prosekuzzjoni jigi tested fuq il-kredibilita` u l-affidabilita` tieghu. Kredibbli jekk haqqux kredtu in generali, u hemm il-principju li *falsus in uno falsus in omnibus.* L-affidibilita` hija kwestjoni jekk kienx zbaljat innocentement, ghax xehed fuq impressjoni li haseb li kienet vera.

“Hawnhekk ma jistax jinghad li xhud Marco Abdilla gie ezaminat mill-gurati u ghalhekk kienu f’posizzjoni ahjar li jaraw il-komportament tieghu.

"Japplikaw ir-regoli l-ohrajn tal-procedura penali fosthom li l-kredibilita` tax-xhud tista' tigi attakkata mid-dikjarazzjonijiet ohra li jkun ghamel fi zmienijiet ohra. Jekk il-kredibilita` tieghu tigi demolita minnu stess, ma hux "fair" li tinghazel verzjoni fuq ohra. L-anqas tista' Qorti tippuntella dik il-verzjoni bi spekulazzjonijiet. Ghall-inqas trid issib korroborazzjoni indipendenti ta' dik ix-xiehda, u din trid tkun univoka, determinanti u gravi.

"Minn dawn hemm diversi okkazzjonijiet. Per ezempju l-Qorti tal-Appell qalet li dak li stqarr ma' l-omm waqt l-ahbarijiet tat-television li ma kienx Emanuel Camilleri li ghamel il-bomba, ma kienx in articulo mortis jew qrib il-mewt u ghalhekk ma kellu l-ebda rilevanza. Veru ma kienx in articulo mortis, imma ma jistax jinghad li ma kienx previous inconsistent statement, previst mil-ligi dwar il-kredibilita`.

"Hekk ukoll fejn Marco Abdilla jallega li Emanuel Camilleri kien urieh il-bomba li kienet ta' xi ghaxar pulzieri, meta jirrizulta li kienet ta' dik id-dimenzjoni imma f'centimetri, il-Qorti tal-Appell qalet li seta' ha zball ghax kien qed jixhed wara erba' snin. Din hija spekulazzjoni.

"Kazijiet ohra ta' spekulazzjoni johrog mill-paragrafu 17 tas-sentenza tal-Appell. Marco Abdilla jghid li kellu diskursata u kellu revolver ma' mohhu. Il-Qorti kienet titubanti jekk kienx hemm revolver jew le, imma xorta wahda kien qed jibza'. Mela l-allegazzjoni tieghu tar-revolver ma fiha l-ebda rilevanza ghall-kredibilita`?

"Hekk ukoll dwar ix-xiehda ta' Paul Spagnol. Paragrafu 20. Dan ukoll jixhet dawl fuq il-kredibilita` ta' Marco Abdilla, imma l-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell kienet li dak li qal Spagnol li qallu Abdilla fuq l-esponenti kien hearsay. Imma anke jekk wiehed jaqra l-paragrafu kollu jsib il-motivazzjoni dwar x'ghamel Abdilla u x'interessi kellu.

"Gravi mbaghad huwa l-paragrafu 21 fejn tittratta dwar Martin Debono. Martin Debono xehed dwar zewg fatti. Wahda r-rikatt ta' Abdilla lill-esponenti, u l-iehor dwar il-kwestjoni tas-senter. Il-Qorti tal-Appell qalet li meta

mistoqsija omm Marco Abdilla ma qablitx ma' Martin Debono dwar is-senter, u ghalhekk "Fil-fehma ta' din il-Qorti, ix-xiehda ta' Catherine Abdilla xxejjen il-kredibilita` tax-xhud Martin Debono." Hawn japplika l-principju tal-kredibilita` u tal-*falsus in uno falsus in omnibus.*

"Fil-paragrafu 24, il-Qorti tal-Appell tuza bhala xiehda inkriminati dak li qal certu Muscat lill-Magistrat inkwirenti. Dan mhux legali, ghax ix-xiehda tinghata in open court skont l-Art 646 tal-Kap.9. Ir-regoli tal-procedura huma ta' ordni pubbliku.

"Fil-paragrafu 27 hemm spekulazzjoni ohra, li certament mhix bazata fuq iuxta allegata et probata: "Mill-banda l-ohra, persuna li hu midhla tal-ispkussiv mhix se tiddejjaq iddur b'dak it-tip ta' bomba biex tilhaq l-iskop taghha li ssib persuna "idoneja" biex tqieghed il-bomba minflokha."

"Bl-istess mod fil-paragrafu 28, fejn il-Qorti tal-Appell qalet li dwar il-gideb fuq l-isparatura, il-gurati kienu lliberaw ghax taw il-beneficcju tad-dubju.

"Imma ma ratx rilevanza, anke t-tahwid ta' verzjonijiet li kien hemm, ghall-kredibilita` tax-xhud Marco Abdilla.

"Fil-paragrafu 30 jerga' jittenna l-izball li ttiehed bhala xiehda dak li qal xhud fl-inkjesta. Skont il-ligi din hi ammissibbli bhala prova fid-drogi imma mhux fir-reati dwar bombi u tentattivi ta' omicidju.

"Fil-paragrafu 33 hemm spekulazzjoni dwar min ghandu licenzja biex jahdem in-nar tal-festi u min ghandu barriera tal-franka, u min jaghmel bomba. Min jaghmel in-nar tal-festi ma juzax splussiv tal-barrieri jekk ma jrid itajjar il-blat samm. Il-barrieri tal-franka, maghrufin bhala soft limestone, jinqatghu qishom gobon cheddar u mhux bl-isplussivi. Dawk barrieri tal-qawwi. U fl-ahhar ghall-izball tad-daqs tal-bomba, Marco Abdilla jinhafirlu kollox ghax ghadda z-zmien u seta' ma ftakarx. Id-differenza hija ta' 250% mal-original. Fuq kollox meta sar il-fatt l-esponenti l-anqas kellu licenzja tan-nar tal-festi.

"L-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea Telfner v Austria, fejn kien hemm spekulazzjonijiet imma mhux provi. Jaghmel riferenza wkoll ghall-principji: "In addition, the quality of the evidence must be taken into consideration, including whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy (ibid.). Indeed, where the reliability of evidence is in dispute the existence of fair procedures to examine the admissibility of the evidence takes on an even greater importance (see *Allan v. the United Kingdom. No.* 48539/99, § 47, ECHR 2002-IX). Pavlenko v Russia 1/4/2010.

"Huwa car u manifest li Marco Abdilla kien qed jinnegozja u jirranga l-posizzjoni tieghu mal-pulizija, li naturalment kellha interess kbir li kaz li sfortunatament gara kontra ufficjal gholi taghha jkun solvut. Marco Abdilla manifestament qabillu fir-rizultati li ottjena fil-proceduri li kellu pendenti.

"Ghalhekk l-esponenti jaghmel riferenza ghall-kwalita` tax-xhieda bhala parti mill-fairness tat-trial that l-artiklu 6(1) u l-ispekulazzjonijiet li hemm li jgibu vjolazzjoni taht l-Art 6(2) tal-Konvenzjoni.

"**Art 4(1) tas-Protokoll 7 tal-istess Konvenzjoni.**

"L-esponenti gie misjub fuq l-istess fatt hati ta' zewg reati. Bhala fatt storiku kienu wiehed. Akkuza fuq il-bomba u akkuza fuq attentat ta' qtil.

"Ghalkemm l-esponenti jibqa jsostni l-innocenza tieghu fuq il-kaz kollu, imma dan l-ilment juri ingustizzja mieghu.

"Jekk wiehed jaqra l-Artiklu citat, l-ewwel impressjoni hija li biex japplika wara li jkun sar process u gie terminat, umbaghad wara zmien isir process iehor.

"Issa skont is-sistema taghna d-diversi kap tal-akkuza huma processi separati. Huwa minnu wkoll li l-Artiklu 17(b) tal-Kodici Kriminali jaghmel dan possibbli. U aghar

ukoll ghax izid il-piena minn terz sa nofs. Jigifieri piena hemm.

“L-esponenti jissottometti li la darba, ghall-grazzja tal-argument instabet htija fuq t-tqeghid ta’ bomba, ma setax ftit wara l-gurati johorgu b’verdett qisu gara fatt gdid li kien hemm tentattiv ta’ omicidju. Ghal dan japplika wkoll in-ne bis in idem.

“Dan l-argument japplika wkoll ghall-ewwel u t-tieni kap tal-akkuza li taghhom nstab hati l-esponenti. It-tieni jaqghu taht l-istess ligi, u taht l-istess kappa guridika. L-istess bhal wiehed ma jigix akkuzat li seraq karozza, u mbaghad f’kap iehor tal-istess att ta’ akkuza, li seraq radio ta’ karozza. Id-definizzjoni tar-reat tinkorpora materjali differenti. Jekk kienu saru fi zmienijiet differenti allura hemm ir-reat kontinwat, imma mhux zewg reati differenti. Dan johrog car mill-artikli tal-Kap101 li l-Avukat Generali stess ikkwota fiz-zewg kapi msemmija, u li gew citati mill-Qrati Kriminali.

“Illi din il-kwestjoni tan-ne bis in idem giet mistharrga ricentement mill-Qorti Ewropea bil-kaz Sergey Zolothukin v Russia tal-10 ta’ Frar, 2009. Il-Qorti kellha taghmel ezami tal-gurisprudenza taghha, u bhala Grand Chamber iddecidiet li l-pern ta’ kollox huwa fuq l-istess **fatt**.

“Talab l-attur jghid sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“Tiddikjara li fil-konfront tieghu kien hemm, fuq il-fatti premessi, vjolazzjonijiet tal-Artikli 6(1); 6(2); 4(1) tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, u prevja hekk hemm bzonn id-dikjarazzjoni li l-Artiklu 17(b) tal-Kap 9 jivvola l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ghar-rigward tal-Artiklu 4(1) tal-Protokoll 7;

“Taghtih rimedju effettiv, kif qed jinghata mill-Qorti Ewropea skont l-Artiklu 46 tal-Konvenzjoni;

“Taghti kumpens ghall-vjolazzjoni, li m’ghandux ikun alternattiv ghar-rimedju effettiv ghall-vjolazzjoni skont l-Artiklu 46 tal-kostituzzjoni.

"Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li in forza taghha eccepixxa illi:

"Din il-kawza tirrigwarda ilmenti li diga` gew ventilati kemm quddiem l-ewwel istanza (il-guri) kif ukoll quddiem il-qorti tal-appell kriminali. Ghaldaqstant, l-esponent ma jistax ma jilmentax illi dan jidher illi huwa attentat sabiex wiehed jakkwista l-hekk imsejjah *terzo esame* u jikkonverti lil din il-Qorti f'Qorti ohra tal-Appell.

"**Allegata lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

"L-esponent jirrileva illi l-fatt li Marco Abdilla lahaq miet qabel ma sar il-guri ma jirrendix invalida ix-xhieda li ta waqt il-kumpilazzjoni, bhalma lanqas ma jaffettwa d-decizjoni tal-Avukat Generali li hemm bizzejjed provi sabiex jinhareg Att ta' Akkuza kontra r-rikorrent.

"Dwar l-affidabilita` o meno ta' Abdilla, din certament illi giet assessjata qabel ma nhareg l-Att tal-Akkuza, u l-gurija kellha wkoll l-opportunita` li tizinha meta giet biex tifforma l-konvinzjoni taghha dwar il-htija tar-rikorrent.

"L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jezigi li l-proceduri civili u kriminali li ghalihom japplika jkunu joffru 'a fair trial' meta wiehed jehodhom fl-intier taghhom.

"Kif jirrimarkaw Harris, O'Boyle u Warbrick,

"*The application of Article 6 has presented the Strasbourg authorities with various problems. A delicate question is the closeness with which they should monitor the functioning of national courts. In practice, the Strasbourg authorities have meticulously and properly followed the 'quatrieme instance' doctrine, not questioning the merits of decisions on the facts taken at the national level.* ***They also allow states a wide margin of appreciation*** *as to the manner of their operation, for example in the rules of evidence that they use. A consequence of this last point is that* ***in certain context, the provisions of Article 6 are as much obligations of result as of conduct, with***

***national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial.***" (enfasi tal-esponent)

"Aktar 'il quddiem fil-kapitolu li jittratta dwar l-Artikolu 6, ikomplu jghidu illi

"*What is clear is that in accordance with their general policy of not acting as a quatrieme instance, the Strasbourg authorities* ***do not regard themselves as competent to question findings of fact by the trial court that appear to be based upon probative evidence.***" (vide Albert and Le Compte vs Belgium; 1983). (enfasi ta'l-esponent)

"Il-kriterju uzat mill-Qorti tal-Appell fil-kaz tar-rikorrent huwa dak li solitament jintuza mill-Qrati tal-Appell taghna, fis-sens li ghalkemm il-Qorti tiehu konjizzjoni tal-fatti tvarja s-sentenza biss jekk issib li l-ewwel Qorti permezz tal-gurija ma setghetx ragjonevolment u legittimament tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha fuq il-fatti kif esposti quddiemha. Dan ma jikkomporta ebda ksur ta' drittijiet fundamentali. Kien ikun abbuz tal-process gudizzjarju kieku l-Qrati tal-Appell kellhom jergghu jisimghun kaz mill-gdid u, filwaqt li jqeghdu fil-genb l-interpretazzjoni tal-fatti mwettqa mill-ewwel Qorti, jissostitwixxuha bl-interpretazzjoni taghhom. Kieku jkunu qed jikkonvertu lilhom infushom fit-tieni Qorti ta' Prim'Istanza.

"Fil-kaz ta' appell minn sentenza f'guri il-pozizzjoni hija l-istess bhal f'appelli ohrajn, id-differenza li l-konkluzjoni finali tkun f'idejn il-gurija. Jekk il-gurati fil-kaz odjern ikkonkludew fuq il-fatti li r-rikorrent kien hati, il-Qorti tal-Appell ma setghetx ragjonevolment tittraskura l-ezercizzju mwettaq mill-gurati u mill-ewwel Qorti u kapriccjozament tissostitwih bl-opinjoni taghha, kif donna qed jippretendi r-rikorrent. Galadarba hija ikkonkludiet li ma kienx il-kaz li l-gurati ma setghux legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom, allura hija ma setghetx tvarja s-sentenza, u anzi kienet tizbalja kieku ghamlet dan.

"Huwa minnu li Qorti tal-Appell ghandha d-dritt li anke tisma xhieda gdida, IZDA dan huwa biss jekk jidhrilha li jkun il-kaz.  Fil-kaz odjern ma kienx hemm motiv biex isir dan minhabba li l-Qorti ma rriskontratx fl-ewwel sentenza in-nuqqas imsemmi aktar 'il fuq.

"Fil-kaz ***Telfner*** li jsemmi r-rikorrent, il-Qortiippremettiet l-osservazzjonijiet taghha dwar il-ksur o meno tal-Artikolu 6 fil-konfront ta' Telfner billi qalet hekk:

*"1.  The Court recalls that, as a general rule, it is for the national courts to assess the evidence before them, while it is for the Court to ascertain that the proceedings considered as a whole were fair, which in case of criminal proceedings includes the observance of the presumption of innocence.*

"F'dak il-kaz il-provi tal-prosekuzzjoni kienu mill-aktar neboluzi, fejn ippruvaw jitfghu il-htija fuq Telfner sempliciment minhabba l-fatt li l-appelikant kien flimkien ma ohtu juza l-karozza involuta fir-reat u li dakinhar ma kienx id-dar meta sehh l-incident.  Kien hemm ukoll spekulazzjoni assolutament mhux sostenuta minn provi illi l-applikant kien taht l-influwenza tal-alkohol:

*"2.  In the present case, both the District Court and the Regional Court relied in essence on a report of the local police station that the applicant was the main user of the car and had not been home on the night of the accident. However, the Court cannot find that these elements of evidence, which were moreover not corroborated by evidence taken at the trial in an adversarial manner, constituted a case against the applicant which would have called for an explanation from his part.  In this context, the Court notes, in particular, that the victim of the accident had not been able to identify the driver, nor even to say whether the driver had been male or female, and that the Regional Court, after supplementing the proceedings, found that the car in question was also used by the applicant's sister."*

"Dawn il-fatti huma ferm differenti mill-kaz odjern fejn l-esponent isostni li kien hemm provi sufficjenti u ta' kwalita` tajba bizzejjed biex ir-rikorrent seta' jressaq taht akkuza u anke eventwalment jinstab hati sahansitra mill-Qorti tal-Appell.

"Fil-kaz ta' ***Allan,*** ukoll imsemmi mir-rikorrent, is-sejbien ta' ksur tal-Artikolu 6 kien provokat minn cirkostanzi nettament differenti minn dak odjern, kif jirrizulta minn dak li qalet il-Qorti:

*"50 …The right, which the Court has previously observed is at the heart of the notion of a fair procedure, serves in principle to protect the freedom of a suspected person to choose whether to speak or to remain silent when questioned by the police. Such freedom of choice is effectively undermined in a case in which, the suspect having elected to remain silent during questioning, <u>the authorities use subterfuge to elicit, from the suspect, confessions or other statements of an incriminatory nature, which they were unable to obtain during such questioning and where the confessions or statements thereby obtained are adduced in evidence at trial</u>."* (enfasi tal-esponent)

"Wiehed jirriskontra l-istess differenza fil-fatti fil-kaz ta' ***Pavlenko:***

*"3. The applicant complained that he had not had a fair trial. He alleged, in particular, that following his arrest he had been refused permission to be represented by a lawyer of his choice; that legal aid counsel D. had been inefficient; that he had been questioned in a coercive environment and had been forced to incriminate himself without the benefit of effective legal advice."*

"**<u>Art. 4 (1) tas-7 Protokol</u>**

"Mhux minnu li d-diversi kapi ta' akkuza jikkostitwixxu process fihom infushom. L-artikolu 4(1) tas-7 Protokol kif migjub fil-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:

"**Artikolu 4 – Id-dritt li persuna ma tigix ipprocessata jew ikkastigata darbtejn**

*1. "Hadd ma jista' jkun ipprocessat jew jerga' jigi kkastigat ghal darb'ohra fi procedimenti kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub hati skont il-ligi u l-procedura penali ta' dak l-Istat.*

*2. "Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu precedenti ma ghandhomx izommu milli l-kaz jerga' jinfetah skont il-ligi u l-procedura penali tal-Istat in kwistjoni, jekk ikun hemm provi li xi fatti godda jew li jkunu ghadhom kif gew zvelati, jew inkella jekk ikun hemm xi vizzju fondamentali fil-procedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jizvolgi l-kaz."*

"Kif sewwa jghidu Harris, O'Boyle u Warbrick,

*"The aim of Article 4 is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a 'final decision' acquitting the individual. So that provision does not apply before new proceedings have been opened".*

"L-interpretazzjoni logika ta' dan l-artikolu ghandha tkun illi persuna ma' tistax tinxela u tigi ipprocessata f'zewgt idrabi separati minn xulxin ghall-istess reat. Ir-rikorrent qed jallega li kull Kap tal-Akkuza jikkostitwixxi procedura separata. Izda l-esponent jissottometti illi dan ir-ragunar huwa erronju. Huwa (fil-kaz odjern) il-guri shih mill-bidu sa l-ahhar li jikkostitwixxi process kriminali ai termini tal-fuq imsemmi Artiklu 4. Il-kapi tal-akkuza huma separati biss fis-sens li jekk wiehed ma jinstabx hati taht kap wiehed jista' jinstab hati matul l-istess process taht kap iehor.

"Din is-sistema procedurali mhijiex kapricjuza izda qeghda hemm sabiex ikun assikurat illi l-prosekuzzjoni tezawrixxi l-possibilitajiet ta' rejat kollha li jfeggu mill-provi migjuba kontra l-akkuzat.

"Harris *et al* ikomplu jelaboraw illi:

*"It is clear that, subject to Article 4(2), Article 4(1) prohibits a further prosecution for exactly the same offence. However, a matter that has troubled the Court is how Article 4 might be relevant to a single criminal act which is capable of being separated into more than one criminal 'offence', for example a driving offence which may be caught by various statutory definitions. In principle Article 4 does not preclude being tried by the same or even different courts if they were part of a single criminal act. But whilst in some cases identifying what are separate offences will be a straightforward exercise, in others the issue is very complicated".*

"Huwa sottomess li f'dan il-kaz ma hemm ebda komplikazzjoni fil-mod kif ir-reati kollha li jiskaturixxu mill-att kriminali tal-akkuzat jistghu jigu identifikati, u huwa proprju dan l-ezercizzju li wettqet il-Prosekuzzjoni.

"F'***Sergei Zolotukhin vs Russia,*** kawza senjalata mir-rikorrent ukoll, il-fatti ghal darb'ohra kienu differenti minn dawk odjerni, kif jidher mis-silta hawn taht ikkwotata:

*"4. The applicant in the present case was finally convicted of minor disorderly acts and served the penalty imposed on him. He was afterwards charged with disorderly acts and remanded in custody. The proceedings continued for more than ten months, during which time the applicant had to participate in the investigation and stand trial. Accordingly, the fact that he was eventually acquitted of that charge has no bearing on his claim that he was prosecuted and tried on that charge for a second time. For that reason the Grand Chamber, like the Chamber, finds without merit the Government's contention that there had been no repetition of the proceedings because the applicant had eventually been acquitted of the charge under Article 213 § 2 of the Criminal Code.*

*"5. The Court has found above that the applicant was convicted of "minor disorderly acts" in administrative proceedings which are to be assimilated to "penal*

*procedure" within the autonomous Convention meaning of this term. After his conviction became "final", several criminal charges were raised against him. Of those, a majority referred to the applicant's conduct at different times or in different locations. However, the charge of "disorderly acts" referred to precisely the same conduct as the previous conviction of "minor disorderly acts" and also encompassed substantially the same facts."*

"Kif tkompli tghid l-istess Qorti,

*"6. The Court reiterates that the aim of Article 4 of Protocol No. 7 is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a "final" decision..."*

"Din l-opinjoni hija espressa wkoll minn Harris et al. Dawn jispjegaw li:

*"According to the Explanatory Report to the Seventh Protocol, which itself referred back to the European Convention on the International Validity of Criminal Judgements, a decision is "final if, according to the traditional expression, it has acquired the force of res judicata".*

"Ghalhekk ghandu jirrizulta li r-rikorrent odjern ma ghandux ragun jghid illi gew lezi xi drittijiet fundamentali tieghu, stante illi l-kaz tieghu kien differenti minn kull kaz tal-Qorti Ewropea fejn instab li sehhet lezjoni u bl-ebda mod ma gie mixli u ipprocessat b'mod finali ghall-istess reat darbtejn.

"Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrent Camilleri.

"Rat l-atti tal-process kriminali kontra r-rikorrent decis finalment mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar, 2010;

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

"Ikkunsidrat;

"Illi b'dawn il-proceduri r-rikorrent qed jilmenta bi ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu meta, wara process kriminali li baqa' tiela sal-grad ta' appell, instab hati li ghamel bomba mad-dar u ttenta joqtol lill-Assistent Kummissarju. Hu jghid li hu innocenti ta' dan id-delitt u li ma kellux process gust, peress li nghatat fidi lix-xhieda ta' certu Marco Abdilla li kien xehed waqt il-kumpilazzjoni, izda lahaq miet sa ma sarlu l-guri u, ghalhekk, ma setax jigi kontra-ezaminat. Hu jghid li mehud kont tat- "tahwid" fix-xhieda li ta' Marco Abdilla, ma kellux jinstab hati.

"Hu fatt li x-xhieda ta' din il-persuna kienet importanti ghall-kaz, (flimkien ma certu Charles Steven Muscat) u, in linea generali, hu rikjest li kull xhud tal-prosekuzzjoni ikollu l-kredibilita` u l-affidabilita` tieghu kkontestata fil-process kriminali li jkun qed isir kontra akkuzat. F'dan il-kaz, dan ma setghax isir peress li, <u>in parte</u>, ix-xhud lahaq miet sa ma wasal li jsir il-guri tar-rikorrent, bir-rizultat li l-prosekuzzjoni kellha taqra x-xhieda li x-xhud kien ta' precedentement quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti Istruttorja. Jinghad, in parte, peress illi r-rikorrent <u>kellu opportunita`</u> jaghmel il-kontro-ezami tax-xhud quddiem l-ewwel Qorti, pero`, naqas milli hekk jaghmel. Ma kien hemm xejn xi jzomm lir-rikorrenti milli, fi stadju tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati, jaghmel il-kontro-ezami ta' dan ix-xhud, u dan jew fis-seduta li fiha jkun xehed jew anke fi stadju ulterjuri tal-process. Ir-rikorrent iddecieda li, f'dak l-istadju, joqghod lura milli jaghmel il-kontro-ezami, ovvjament ghax haseb li jkun ahjar li jikkonfrontah darba quddiem il-gurati, pero`, la ghamel din l-ghazla ma jistax jilmenta li ma kellux cans jattakka l-kredibilita` tax-xhud; cans kellu, u hu ghazel li ma juzufruwhiex ruhu minnu.

"Darba li, meta gie appuntat il-guri, ix-xhud Marco Abdilla lahaq miet, il-prosekuzzjoni kellha kull dritt taqra x-xhieda li kien ta' x-xhud quddiem qorti ohra, u lill-gurati gie

spjegat ghaliex kien qed isir hekk u li kellhom jikkunsidraw li x-xhud ma setghax, f'dak l-istadju, jigi kontro-ezaminat mill-akkuzat.

"F'dawn ic-cirkostanzi, ma jistax jinghad li l-procedura adoperata, mill-mument tal-arrest sad-decizjoni finali mill-Qorti tal-Appell, ma kenietx wahda gusta.

"Jista' jkun li dan Marco Abdilla "hawwad" fid-diversi deposizzjonijiet li ta', izda din il-Qorti ma tistax tindahal jekk il-gurati ghazlu li jemnu verzjoni wahda u mhux ohra. Ic-cirkustanza tal-ghazla tal-gurati mhix sindikabbli la darba l-process hu gust, u ma tistax tghid li l-process ma kienx gust minhabba s-semplici fatt li l-gurati ghazlu l-verzjoni li biha setghet tinstab il-htija. F'dan il-process, ir-rikorrent ghamel analizi ta' cirkustanzi tal-fatti li, skontu, kellhom juru l-innocenza tieghu, u ikkritika li "spekulazzjonijiet" li, ukoll skont hu, ghamlet il-Qorti tal-Appell biex tafferma d-decizjoni tal-gurati.

"Din il-Qorti, pero`, mhux qorti tat-tielet jew ir-raba' istanza, u mhux kompitu taghha li tindahal fl-apprezzament tal-fatti li ghamlu l-gudikanti tal-fatt. Hu maghruf li, bhala principju, il-Qorti Ewropea ta' Gustizzja b'sede fi Strasbourg tiehu linja hi wkoll li tevita li hi tagixxi bhala "a quatrieme instance", b'mod li l-qorti "do not regard themselves as competent to question findings of fact by the trial court that appear to be based upon probative evidence" ara "Albert and Le Compte vs Belgium" deciza mill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fl-1983).

"L-iskop ta' din il-Qorti u, jekk ikun il-kaz, tal-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ewropea tal-Gustizzja mhux li tirrevedi l-konkluzzjonijiet ta' fatt li ittiehdu fil-kors tal-process, izda biex jigi ezaminat jekk il-process kienx wiehed gust, u ghal dan il-ghan irid jittiehed kont tal-process kollu. Fil-fatt, l-istess Qorti Ewropea tal-Gustizzja fil-kaz fl-ismijiet "Imbroscia v Switzerland" qalet li:

*"The manner in which article 6(1) and 3 (c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on*

*the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case." App.No. 1397/88 – 4/11/1993*

"F'dan il-kaz, il-process tal-guri li fih ir-rikorrent instab hati, kien gie rivedut mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Quddiem dik il-Qorti, ir-rikorrenti qajjem hafna mill-ilmenti li ressaq f'din il-kawza u wkoll baqa' jinsisti fuq u jasserixxi l-innocenza tieghu. Il-Qorti tal-Appell, ezaminat il-provi u s-sottomissjonijiet tar-rikorrent, u ikkonkludiet li ma kienx il-kaz li l-gurati ma setghux legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Wiehed ifakkar li l-gurati f'guri jigu avvzati li jridu isibu htija biss jekk ikunu hekk konvinti minghajr ebda dubbju ragjonevoli, u l-fatt li setghu ghamlu xi inferenzi mix-xhieda, ma jfissirx li s-sejba ta' htija ma kenietx bazata fuq dan il-konvincement. Din il-Qorti tirrileva wkoll li l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza <u>"John Camilleri vs Avukat Generali"</u>, deciza fit-12 ta' Frar, 2010, kienet qalet li l-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali taghzel li ma tissostitwix l-hsieb taghha ghall-dak tal-gurati, imma tara biss jekk il-gurati setghux jaslu ghad-decizjoni li waslu, ma jivvjolax id-dritt ta' smigh xieraq tal-akkuzat.

"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, f'dan il-kaz, irrevediet bir-reqqa l-provi u ma sabet xejn irragonevoli fid-decizjoni tal-gurati. Dik il-Qorti anke semghet xhud Catherine Abdilla, omm Marco Abdilla, wara allegazzjoni mir-rikorrenti li l-imsemmi xhud seta' lissen xi haga fuq il-kaz in articulo mortis, u ghamlet revizzjoni dettaljata tax-xhieda u dan fuq aktar min tnax il-pagna tas-sentenza. Finalment osservat li l-gurati setghu jaghmlu l-evalwazzjoni taghhom tad-diversi dikjarazzjonijiet li kien ghamel Marco Abdilla waqt id-diversi stadji tal-kaz, u qalet li kien hemm bizzejjed provi biex ir-rikorrent jinstab hati. In finis il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li:

*"Ghaldaqstant is-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati, minghajr ma semghu x–xiehda ta' Catherine Abdilla, setghu ma jemmnux il-verzjoni li l-appellant ta waqt il-guri*

*ghax hemm cirkostanzi u provi li huma ugwalment kapaci li jitwemmnu u li l-gurati kienu perfettament intitolati – u din il-Qorti zzid tghid, anke wara li semghet ix-xiehda ta' Catherine Abdilla u ezaminat in nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-appellant fit-12 ta' Frar 2010 u n-nota responsiva tal-Avukat Generali pprezentata fil-15 ta' Frar 2010, gustifikati – li jemmnu."*

"Hawn mhux kaz li ma kienx hemm provi li setghu iwasslu ghall-htija (kif setgha kien il-kaz fis-sentenza "Berhani v Albania", deciza mill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fis-27 ta' Mejju, 2010), peress li, anke kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali, kienu gew prodotti provi bizzejjed li setghu jinducu lill-gurati jaslu ghall-verdett ta' htija. Din il-Qorti ezaminat is-sentenza ta' dik il-Qorti, u minghajr ma tidhol fil-meritu tal-fatti tara li l-gudizzju li ghamlet dik il-Qorti kien wiehed korrett u gust.

"Ir-rikorrent kien assistit minn avukat tal-fiducja tieghu tul il-process kollu, u ma jirrizultax li kien hemm xi ksur tal-ligijiet procedurali li kienu determinanti ghall-kaz tieghu, jew li ma kellux process gust. Il-fatt tal-qari tad-deposizzjonijiet ta' persuna mejta, ma wassalx wahdu ghall-ksur tad-dritt ghal smigh xieraq, ghax ma jistax jinghad li l-qari ta' xhieda, moghtija bla pressjoni ta' biza u taht il-kontroll ta' qorti, tohloq ingustizzja, specjalment meta tqies li r-rikorrent kellu l-opportunita jikkontrolla dak li ntqal bl-ezecizzju tad-dritt tieghu ta' kontro-ezami, izda naqas li jaghmel dan fl-ewwel opportunita` li kellu. In-natura u l-kwalita` tax-xhieda li kellu kontrieh ir-rikorrenti giet analizzata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, li sabet li, fil-fatt, kien hemm provi kontra l-akkuzat u mhux biss indizji jew "spekulazzjonijiet", kif ghogbu isejhilhom ir-rikorrenti. Dak l-ezercizzju sar fil-kuntest ta' process gust, u mhux kompitu ta' din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

"Ir-rikorrent kien u ghadu jaserixxi l-innocenza tieghu, pero` mhux il-mansjoni ta' din il-Qorti tidhol f'din il-kwistjoni; hi trid tara jekk ir-rikorrent kellux jew le process gust, u f'dan il-kaz, ma sibx li ma kellux smigh xieraq.

"Ir-rikorrent jilmenta wkoll li hu nstab hati ta' zewg reati li bhala fatt storiku kien wiehed, u qed jilmenta li gie miksur, fil-konfront tieghu, il-principju ne bis in idem. Fuq dan il-principju, kif jinghad fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et (4th Edit, 2006, pagna 979), *"the aim of article 4 of protocol no. 7* dak invokat mir-rikorrent) *is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Dan il-principju gie sottolineat fil-kawza "Segei Zolotukhin v Russia" , deciz mill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fl-1 ta' April, 2010, u indikat mir-rikorrent fis-sottomissjonijiet tieghu. Dan il-principju, pero`, ma jfissirx li ghall-istess fatt ma jistghux jinhargu akkuzi differenti.

"Il-principji li johorogu mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma jwasslux ghal tali projbizzjoni. Hekk, fil-kaz "Gotkan v France", deciza fit-2 ta' Lulju, 2002, dik il-Qorti sabet li ma kienx hemm vjolazzjoni tad-drittijiet tal-akkuzat li ghall-istess fatt (traffikar tad-droga), instab hati u intbaghat il-habs talli agixxa bi ksur tal-Kodici kriminali, u nstab hati wkoll u nghata ordni ta' hlas ta' multa, konvertibbli f'habs f'kaz ta' nuqqas ta' hlas, talli kiser il-ligijiet tad-dwana. Dik il-Qorti irriferiet ghall-kaz precedenti taghha "Oliveira v Swizerland", deciza fit-30 ta' Lulju 1998, fejn intqal li ma hemm xejn hazin li persuna tigi processata ghal zewg reati naxxenti mill-istess att kriminuz. Gie osservat li:

"*There is nothing in that situation which infringes Article 4 of Protocol No. 7 since that provision prohibits people being tried twice for the same offence whereas in cases concerning a single act constituting various offences (concours ideal d'infracitons) one criminal act constitutes two separate offences.*"

"Ic-cirkustanzi tal-kaz ta' din il-kawza huma ben diversi mill-fatti tal-kaz "Zolotukhin v Russia" , imsemmi, ghax hawn ir-rikorrent ma giex ipprocessat darbtejn fuq l-istess reat.

"Il-Qorti tifhem li r-regola mahsuba fl-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll ma zzommx milli bniedem jitressaq mixli izjed minn darba dwar xi fatt, jekk dak il-fatt jew dak l-ghamil ikun jikkostitwixxi aktar minn reat wiehed. Dak li jipprovdi l-imsemmi artikolu hu li persuna ma tistax titressaq mixlija bl-istess reat li minnu tkun diga` ghaddiet proceduri – kemm jekk tahthom instabet hatja u kemm jekk kienet inhelset – li jkunu ntemmu b'sentenza li saret gudikat. Ghalhekk, il-fatt wahdu li, f'xi cirkostanzi, jista' jkun hemm id-duplikazzjoni ta' procedimenti – l-aspett tal-*"bis"* – m'ghandux ikun il-kejl wahdieni li bih jitqies jekk ikunx hemm tassew ksur tar-regola mahsuba f'dawk l-artikoli.

"Kif inghad, f'dan il-kaz, ma hemm ebda komplikazzjoni fil-mod kif tressqu l-akkuzi kontra r-rikorrent. Mill-fatt ta' tqieghed ta' bomba jistghu jitnizzlu zewg reati: dak ta' kagun ta' espluzjoni li tista tqieghed f'perikolu car l-hajja ta' haddiehor, u r-reat ta' attentat ta' omicidju. Tpoggija ta' akkuzi li, del resto, ir-rikorrent ma kkontestax fil-forum opportun kif kellu kull dritt li jaghmel fi stadju qabel il-bidu tal-guri.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors ta' Emanuel Camilleri billi tichad l-istess, bl-ispejjez kontra tieghu."

**<u>L-appell tar-rikorrent</u>**

2. B'rikors datat 31 ta' Ottubru 2011 ir-rikorrent appella minn din is-sentenza u talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u tghaddi biex tilqa' t-talbiet tieghu bl-ispejjez kontra l-intimat appellat.

3. **L-aggravji tar-rikorrent** appellant huwa s-segwenti:

I. L-appellant, waqt li jaccetta li d-deposizzjoni ta' xhud li lahaq miet fil-mori tal-proceduri tista' tinqara fil-Qorti minghajr kontro-ezami,[1] huwa proprjament qed jattakka id-diversi xhidiet konfliggenti, ritrattazzjoni u pressjoni li

[1] Art. 646 tal-Kodici Kriminali.

saret fuq ix-xhud, sahansitra mill-Qorti u l-'*previous inconsistent statements'* u kontradizzjonijiet tal-istess xhud.

II. L-appellant ma jaqbilx mal-ewwel Qorti li kien jiddependi mill-gurati jemmnux verzjoni wahda jew ohra. Ighid li fis-sentenza **Telfner v. Austria** u gurisprudenza ohra, (inkluza **Berhani v. Albania**) il-Qorti ta' Strasbourg indahlet fil-kwalita` tax-xhieda, inkonsistenzi, kontradizzjonijiet u nuqqas ta' prova certa, biex waslet biex tiddeciedi jekk kienx hemm process gust.

III. Hija zbaljata wkoll, skont l-appellant, l-posizzjoni li hadet l-ewwel Qorti li, in sede Kostituzzjonali, il-Qrati m'humiex tat-tielet jew r-raba' grad. Kif juru s-sentenzi appena msemmija, il-Qorti Ewropea dahlet ukoll fil-kwalita` tax-xhieda biex tistabilixxi jekk process kienx gust jew le.

IV. L-ewwel Qorti kienet ukoll zbaljata fl-interpretazzjoni li tat tal-kuncett tan- *ne bis in idem* fejn qalet li jekk fatt ikun jikkostitwixxi aktar minn reat wiehed persuna tista' tigi mixlija izjed minn darba. Din l-intepretazzjoni pero` ma taqbilx ma' dak li gie deciz fil-kaz **Zolotukhin v. Russia.**

**<u>Risposta tal-Appell tal-intimat appellat</u>**

4. L-appellat ipprezenta r-risposta tieghu u wiegeb ghar-rikors tal-appell tar-rikorrent appellant billi sostna li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u ghar-ragunijiet minnu esposti fir-risposta tieghu talab li l-appell interpost jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant.

I. Dwar l-ewwel aggravju, l-appellat wiegeb li l-appellant kellu l-opportunita` kollha li jikkontroezamina x-xhud u jattakka l-kredibilita` tieghu, izda, ghalkemm kellu dik l-opportunita`, ghazel li ma jibbenefikax minnha.

II. Anke jekk xhud jibdel il-versjoni tieghu u jaghti aktar minn verzjoni wahda, dan ma jaghmilx il-proceduri 'unsafe' dment li l-gurati jkollhom il-versjonijiet kollha

quddiemhom u jkunu jistghu jiddeciedu liema minnhom jemmnu.

III. L-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li hija m'hijiex Qorti tat-tielet jew ir-raba' Istanza. Il-kaz Berhani ma jmerix dan il-principju, f'liema kaz ma kienx hemm bizzejjed provi biex tinsab htija

IV. L-appellat jaqbel ma' l-ewwel Qorti li fatt wiehed, li minnu nnifsu jista' jkun kompost minn ghadd ta' fatti ohrajn, jista' jaghti lok ghal reati differenti.

**<u>Fatti mertu tal-kawza</u>**

5. Ghal dak li huwa sfond tal-fatti in kawza, din il-Qorti taghmel riferenza ghar-rassenja tal-fatti maghmula tajjeb mill-Qorti tal-ewwel grad fis-sentenza taghha, u dan a skans ta' ripetizzjonijiet inutili, liema sentenza giet gia` riportata *supra* fl-intier taghha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

6. Ir-rikorrent qed jibbaza r-rikors tieghu fuq l-Artiklu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u senjatament ghall-kwalita` tax-xhieda bhala parti mill-'fairness' tal-proceduri taht l-artiklu 6(1) u l-ispekulazzjonijiet li hemm li jgibu vjolazzjoni taht l-Art 6(2) tal-Konvenzjoni; prevja hekk hemm bzonn id-dikjarazzjoni li l-Artiklu 17(b) tal-Kap 9[2] jivvola l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ghar-rigward tal-Artiklu 4(1) tal-Protokoll 7 (ne bis in idem).

7. Din il-Qorti ser tibda biex l-ewwel tittratta **<u>t-tielet aggravju</u>** tal-appellant fejn, b'mod generali, jilmenta li l-ewwel Qorti kienet zbaljata fil-posizzjoni li hadet meta semmiet li in sede Kostituzzjonali l-Qrati m'humiex tat-tielet jew r-raba' grad. Hu jsostni li l-Qorti Ewropea gieli dahlet ukoll biex tezamina x-xhieda biex tistabilixxi jekk process kienx gust jew le u f'dan ir-rigward isemmi l-kaz ta' Telfner u ta' Berhani.

---

[2] Konkors ta' reati u pieni.

8. L-appellat min-naha l-ohra jsostni li din il-kawza tirrigwarda ilmenti li diga` gew ventilati kemm quddiem l-Qorti Kriminali kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk jidher li l-appellant qed jipprova jakkwista *terzo esame* u jikkonverti lil din il-Qorti f'Qorti ohra tal-Appell.

9. Illi huwa opportun hawnhekk li l-Qorti taghmel referenza ghal ktieb ta' ***Jacobs and White****, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f'pagna 140*, fejn l-awturi jikkummentaw fuq l-hekk imsejha ***"fourth instance" doctrine,*** u l-kuncett zbaljat li jezisti dwar is-sistema tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti qed tislet minn dan il-ktieb dawn il-principji:

1. ***The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts.***

2. ***The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention.***

3. ***Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on.***

4. ***And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.***

***5. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts.***

Ghalhekk dan l-aggravju m'huwiex jintlaqa'

10. Dwar dan l-aggravju ghalhekk l-appellant m'ghandux ragun.

11. **<u>Fit-tieni aggravju</u>** l-appellant jikkontendi li fis-sentenzi Telfner u Berhani l-Qorti Ewropea dahlet ukoll fil-kwalita` tax-xhieda biex setghet tistabilixxi jekk il-process kien wiehed 'fair' jew le.

12. **F'Telfner v. Austria** l-Qorti Ewropea ddecidiet li f'dak il-kaz kien hemm ksur tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni billi "*the drawing up of adverse inferences from the applicant's silence was not allowed because there was no other strong evidence"*. Kienet biss spekulazzjoni li ma kinitx sostnuta mill-provi li l-applikant kien fis-sakra. Mhux l-istess kienet iddecidiet il-Qorti fil-kaz ta' **Murray** fejn hemmhekk instab li l-inferenza ma kinitx kontra l-Konvenzjoni billi l-prosekuzzjoni kellha kaz b'sahhtu. Dawk il-kazijiet kienu jirrigwardaw 'inferenza' li l-Qorti setghet tigbed mis-silenzju tal-applikant li m'huwiex proprjament il-kaz li din il-Qorti ghandha quddiemha.

13. Aktar vicin huwa l-kaz ta' **BERHANI v. ALBANIA** *(Application no. 847/05)* fejn il-Qorti Ewropea riaffermat dawn il-principji:

"50. The Court reiterates at the outset that the admissibility of evidence is primarily governed by the rules of domestic law and that, as a rule, it is for the national courts to assess the evidence before them, establish facts and interpret domestic law. The Court will not in principle intervene, unless the decisions reached by the domestic courts appear arbitrary or manifestly unreasonable and provided that the proceedings as a whole were fair as required by Article 6 § 1 (see *Caka v.* ***Albania***, no. 44023/02, § 100, 8 December 2009; and *Khamidov v. Russia*, no. 72118/01, § 170, ECHR 2007-XII (extracts)).

51. The Court further reiterates that under certain circumstances it may be necessary for the courts to have recourse to statements made during the criminal investigation stage. If the accused had sufficient and adequate opportunity to challenge such statements, at the

time they were taken or at a later stage of the proceedings, their use does not run counter to the guarantees of Article 6 §§ 1 and 3 (d). The rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the requirements of Article 6 if the conviction is based solely, or in a decisive manner, on the depositions of a witness whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined either during the investigation or at trial" (see *Vozhigov v. Russia*, no. 5953/02, § 51, 26 April 2007; *Lucà v. Italy*, no. 33354/96, § 40, ECHR 2001-II; and *Solakov v. "the former Yugoslav Republic of Macedonia*", no. 47023/99, § 57, ECHR 2001-X).

14. Minn dan jirrizulta ghalhekk li l-Qorti Ewropea bhala regola ma tindahalx fi kwistjonijiet dwar xhieda u ammissibilita` ta' provi fil-proceduri domestici sakemm dawk il-proceduri fl-assjem taghhom ikunu gusti u konformi mal-provvedimenti tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

15. Il-kompitu tal-gurati fil-Qorti Kriminali huwa li jiggudika fuq il-fatti. Il-kompitu tal-Qorti tal-Appell Kriminali huwa li tara jekk id-decizjoni tal-Qorti Kriminali kinitx korretta jew le, u jekk il-gurati setghux ragjonevolment u legittimament jaslu ghall-konkluzzjoni li waslu ghaliha fuq il-fatti kif pruvati quddiemhom. Din il-Qorti, b'gurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali, ma tidholx fil-mertu la tad-decizjoni tal-Qorti Kriminali u lanqas tal-Qorti tal-Appell Kriminali dment li ma sar xejn b'mod irragjonevoli u arbitrarju. Il-kompitu taghha huwa limitat biss biex tezamina u tiddeciedi jekk il-proceduri li zvolgew quddiem qorti ohra setghux jivvjolaw xi dritt fondamentali[3].

16. Fil-kaz ta' Berhani l-Qorti Ewropea ddecidiet li kien hemm ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni billi fost ragunijiet ohra l-applikant kien instab hati abbazi ta' xhieda li lanqas kienu dehru l-Qorti jew gew kontroezaminati, u fil-kaz tax-xhieda li dehru l-Qorti, dawn lanqas kienu identifikaw lill-applikant.

[3] ara **J.E.M. Investments Ltd v. Avukat Generali** deciza fit-30 ta' Settembru 2011

17. Fil-kaz in ezami l-appellat isostni li l-fatti huma ferm differenti billi kien hemm provi sufficjenti u ta' kwalita` tajba bizzejjed biex ir-rikorrent seta' jressaq taht akkuza u anke biex eventwalment jinstab hati kif fil-fatt instab hati mill-Qorti Kriminali u mbaghad kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

18. **Fl-ewwel aggravju** l-appellant jattakka d-diversi xhidiet konfliggenti, ritrattazzjoni u pressjoni li saret fuq ix-xhud, sahansitra mill-Qorti u l-'*previous inconsistent statements'* u kontradizzjonijiet tal-istess xhud, li fuqhom l-appellant instab hati.

19. Ir-rikorrent ghamel analizi ta' cirkustanzi tal-fatti li, skont hu, kellhom juru l-innocenza tieghu, u kkritika l-"ispekulazzjonijiet" li, ukoll skont hu, ghamlet il-Qorti tal-Appell biex affermat id-decizjoni tal-gurati.

20. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li l-fatt li Marco Abdilla lahaq miet fil-mori tal-kawza qabel sar il-guri, ma jaghmilx invalida ix-xiehda tieghu li huwa kien ta waqt il-kumpilazzjoni. Skont il-ligi x-xhieda tieghu setghet tinqara lill-gurati waqt il-guri.

21. Lanqas ma jista' l-appellant jilmenta li huwa ma nghatax process gust billi ma kellux l-opportunita` li jikkontesta l-kredibilita` ta' Marco Abdilla waqt il-guri. Huwa kellu l-opportunita` kollha biex jikkontroezaminah waqt il-kumpilazzjoni tax-xhieda quddiem il-Qorti istruttorja izda ghar-ragunijiet tieghu, l-aktar ta' strategija, ghazel li f'dak l-istadju ma jikkontroezaminahx. Mhux hekk kellha taghmel il-prosekuzzjoni li sa minn dak l-istadju kellha tiskopri l-provi kollha li kellha f'idejha qabel ma l-imputat jikxef il-linja ta' difiza tieghu.

22. Ghalhekk jekk l-appellant kellu l-opportunita` li jikkontesta x-xhieda ta' Marco Abdilla ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 6 §§ 1 u 3 (d) tal-Konvenzjoni. Kien ikun hemm ksur ta' dan l-Artikolu kieku nstabet htija fuq xiehda li l-akkuzat ma setax jikkontroezaminah waqt il-proceduri.

23. Meta sar il-guri, l-gurija kellha quddiemha d-diversi xhidiet li kien ta Marco Abdilla quddiem il-Magistrat Inkwerenti u quddiem il-Qorti Istruttorja u ghalhekk il-gurija setghet tizen dik ix-xhieda u tifforma l-konvinzjoni taghha dwar il-htija tieghu o meno.

24. Din il-Qorti, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali taghha, ma tidholx fil-mertu tad-decizjoni li hadu l-gurati fuq dan l-apprezzament ta' provi u ghala huma ghazlu verzjoni wahda u mhux ohra. La darba il-process li gie segwit kien wiehed skont il-ligi, il-fatt li l-gurati ghazlu verzjoni wahda u mhux ohra ma jfissirx li l-process ma kienx gust, jew li din il-Qorti tista' tissostitwixxi l-gudizzju taghha ma' dak tal-gurati. Mhux inutili li jigi ripetut li :***"The Strasbourg authorities do not regard themselves as competent to question findings of fact by the trial court that appear to be based upon probative evidence."*** (ara Albert and Le Compte vs Belgium; 1983).[4]

25. Din il-Qorti tifhem li meta l-appellant jirreferi ghall-pressjoni li saret mill-Qorti, probabbilment l-appellant qed jirreferi ghall-fatt li x-xhud kien gie arrestat waqt il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja. Il-Ligi pero` tippermetti li l-qorti tista' fid-diskrezzjoni tagħha tmexxi lejn is-sewwa kull xhud li jħawwad fix-xiehda tiegħu, billi twissih, iżżommu mwarrab għalih waħdu, jew ukoll billi tordna l-arrest tiegħu. (Art.522. (1) Kap 9).

26. L-ilment tal-appellant li huwa kien instab hati hazin fuq il-fatti mill-gurija, u ilmenti ohra, kienu tressqu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, izda dik il-Qorti skartat l-istess u ma sabitx li kien hemm xi irregolarita` matul il-guri u lanqas li huwa gie misjub hazin fuq il-fatti. L-appellant rega' ressaq l-istess ilmenti quddiem il-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) u issa quddiem din il-Qorti, izda din id-darba l-ilmenti gew imlibbsa libsa konvenzjonali. L-appellant jikkritika 'l-ispekulazzjonijiet' li, ukoll skont hu, ghamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali biex affermat id-decizjoni tal-gurati.

---

[4] Ara r-referenza li saret ghal Jacobs Punt 1 u para 50 ta' Berhani.

27. L-aggravju tal-appellant quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali essenzjalment kien li hu nstab hati hazin fuq il-fatti tal-kawza in kwantu jirrigwarda l-ewwel Kap, it-Tielet Kap u r-Raba’ Kap tal-Att ta’ Akkuza. Kwantu ghal dak l-aggravju, dik il-Qorti qalet li hija kellha tara jekk il-gurati setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li effettivament waslu ghaliha. In ezekuzzjoni ta’ dik il-funzjoni taghha, il-Qorti ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi t-traskrizzjonijiet tax-xiehda li nghatat waqt il-guri, ix-xiehda tax-xhieda l-ohra li xehdu fil-guri u li tinsab traskritta fl-atti tal-kumpilazzjoni, kif ukoll ezaminat id-dokumenti esibiti u l-atti l-ohra tal-kumpilazzjoni (inkluzi l-atti tal-Inkjesti), u kkunsidrat is-sottomissjonijiet li saru waqt it-trattazzjoni tal-appell quddiemha.

28. Il-Qorti Kriminali ghamlet ezami dettaljat tax-xhieda li gew prodotti mill-prosekuzzjoni u rriportat fis-sentenza taghha fit-tul is-sottomissjonijiet kollha li l-appellant ghamel fir-rigward tal-aggravji li ressaq.

29. In partikolari, fir-rigward ta’ Marco Abdilla l-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet l-osservazjonijiet taghha fuq dan ix-xhud kemm fir-rigward tal-ewwel Kap tal-Att ta’ Akkuza kif ukoll fir-rigward tat-Tielet u r-Raba’ Kapi ta’ Akkuza u fliet l-i*statement* tieghu (li wkoll wettaq bil-gurament) u x-xiehda li ta li kollha nqraw lill-gurati u li nghataw kopja kemm tal-i*statement* kif ukoll tax-xiehda traskritta. Minnhom, il-Qorti qalet li kienu jirrizultaw verzjonijet konfliggenti izda xorta wahda l-gurati (kif ukoll dik il-Qorti) setghu jaghmlu l-evalwazzjoni tad-diversi dikjarazzjonijiet li kien ghamel waqt l-investigazzjoni, imbaghad quddiem il-Magistrat Inkwirenti, imbaghad quddiem il-Qorti Istruttorja.

30. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dawl tal-osservazzjonijiet li ghamlet, ikkonkludiet li l-gurati setghu jemmnu li l-verzjonijiet originali li taw Sandro Mifsud u Marco Abdilla (u fil-kaz ta’ Marco Abdilla ix-xiehda tieghu tal-14 ta’ Dicembru 1999 fejn sahansitra rega’ kkonferma l-verzjoni originali tieghu) kienu l-verzjonijiet veritjeri.

Ikkonkludiet li kien hemm ukoll xi provi indizjarji li jsahhu l-verzjonijiet originali ta' dawn iz-zewg xhieda. Anke fir-rigward ta' diskors li Marco Abdilla allegatament qal lil ommu, il-Qorti Kriminali qalet li s-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati, minghajr ma semghu x-xiehda ta' Catherine Abdilla, setghu ma jemmnux il-verzjoni li l-appellant ta waqt il-guri ghax hemm cirkostanzi u provi li huma ugwalment kapaci li jitwemmnu mill-gurati, u dan anke wara li l-Qorti semghet ix-xiehda ta' Catherine Abdilla.

31. Fir-rikors promotur l-appellant jelenka diversi okkazzjonijiet fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fejn skont hu dik il-Qorti spekulat biex waslet ghad-decizjoni taghha li tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Kriminali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell Kriminali ma ddecidietx fuq spekulazzjoni izda fuq il-provi li kellha quddiemha l-Qorti Kriminali u l-istess Qorti tal-Appell u fejn iddecidiet li l-gurati setghu jemmnu li l-verzjonijiet originali li taw Sandro Mifsud u Marco Abdilla. Ma kienx il-kaz li l-Qorti kellha jew temmen kull ma qal Abdilla jew ma temmen xejn. Il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha mhux biss a bazi ta' indizji jew l-hekk imsejha "spekulazzjonijiet", izda fuq provi konkreti.

32. Din il-Qorti wara li rat l-atti kollha fil-kaz in ezami tasal ghall-istess konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti li l-ezercizzju li sar mill-Qorti tal-Appell Kriminali kien wiehed korrett. Ghalhekk tikkonkludi li ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-appellant ghal smigh xieraq taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

33. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

34. **<u>Fir-raba' aggravju</u>** l-appellant jilmenta wkoll dwar il-fatt li l-ewwel Qorti ddecidiet li jekk fatt ikun jikkostitwixxi aktar minn reat wiehed persuna tista' tigi mixlija izjed minn darba. Jghid li din l-intepretazzjoni ma taqbilx ma' dak deciz fil-kaz **Zolotukhin v. Russia.** Jghid li fis-sistema legali Maltija[5] d-diversi kapi tal-akkuza huma

[5] Art. 17(b) tal-Kap 9.

processi separati. Ghalhekk jekk, ghall-grazzja tal-argument, tinstab htija fuq t-tqeghid ta' bomba, ma setax ftit wara l-gurati johorgu b'verdett qisu gara fatt gdid cioe` li kien hemm tentattiv ta' omicidju. Ghal dan japplika l-principju *ne bis in idem*.

35. L-appellat jirribatti li d-diversi kapi ta' akkuza jikkostitwixxu process fihom infushom u l-interpretazzjoni logika ta' dan l-artikolu ghandha tkun illi persuna ma tistax tigi processata darbtejn ghall-istess reat. L-appellat ma jaqbilx li kull Kap tal-Akkuza jikkostitwixxi procedura separata imma huwa l-guri shih mill-bidu sa l-ahhar li jikkostitwixxi process kriminali. Il-kapi tal-akkuza huma separati biss fis-sens li jekk wiehed ma jinstabx hati taht kap wiehed jista' jinstab hati matul l-istess process taht kap iehor. L-appellant bl-ebda mod ma gie mixli jew processat b'mod finali ghall-istess reat darbtejn.

36. L-ewwel Qorti ddecidiet li fuq l-istess fatt jistghu jinhargu akkuzi differenti, u ghalhekk ma hemm xejn hazin li persuna tigi processata ghal zewg reati naxxenti mill-istess att kriminuz.[6] Hija kompliet tghid li l-kaz ta' **Zolotukhin v. Russia** huwa differenti mill-kaz f'din il-kawza ghax hawn l-appellant m'huwiex qed jigi processat darbtejn fuq l-istess reat.

37. Id-disposizzjoni tal-Konvenzjoni li fuqha l-appellant qed jibbaza l-aggravu tieghu hija s-segwenti:

4(1) "Hadd ma jista' jkun <u>ipprocessat jew jerga' jigi kkastigat ghal darb'ohra</u> fi procedimenti kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat <u>ghal xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub hati</u> skont il-ligi u l-procedura penali ta' dak l-Istat."

38. Fil-kaz in ezami l-appellant, allura imputat, gie akkuzat b'diversi kapi ta' akkuza fi process wiehed. Dawn il-kapi ta' akkuza ma kinux proceduri separati imma process kriminali wiehed li gie celebrat fil-guri li fih l-appellant gie misjub hati ta' certi kapi ta' akkuza u mhux

[6] Oliveira v. Switzerland 30.7.1998.

hati ta’ kapi ohra. Dan kien process kriminali wiehed. L-appellant ma regax gie processat darbtejn ghall l-istess reati li taghhom kien gie liberat jew misjub hati fi process iehor in segwitu ghal dak deciz fis-17 ta’ Jannar 2005.

39. *S*kont il-Qorti ta’ Strasbourg fil-kaz **Zolotukhin v. Russia**: Grand Chamber 10.2.2009 (Applik 14939/03)

“82. The Court takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second “offence” in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same”.

Izda..

”83. <u>The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of a new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of *res judicata*</u>”.

40. Inoltre jigi rilevat li l-appellant ma kkontestax, kif seta’ jaghmel, fl-istadju preliminari tal-guri l-fatt li skont hu, it-tqeghid ta’ bomba u t-tentattiv ta’ omicidju kienu jikkostitwixxu l-istess fatt. Kien biss fil-proceduri konvenzjonali li dan l-ilment tressaq, izda kif gia` indikat, il-principju tan-*ne bis in idem* ma japplikax f’dan il-kaz. Dan l-aggravju qed jigi michud ukoll.

41. Allura lanqas dan l-aggravju mhu qieghed jintlaqa’.

**<u>Decide</u>**

42. Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez ghall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------